Bir-raġun O Banda tagħna
miegħek nibqgħu magħqudin
għax il-kbir ismek Sant'Andrija
huwa l-Għaxqa tal-Ħalluqin

# L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija

## Twelidha u Ġrajjietha


*Jesmond Grech*
**Awtur**


Din is-sena, meta l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ta' Ħal Luqa qiegħda tiċċelebra l-125 sena mit-twaqqif uffiċjail tagħha, inħasset il-ħtieġa li dan l-avveniment ma jgħaddixmingħajrmajsiruċ-ċelebrazzjonijiet doverużi li jitlob anniversarju bħal dan. Inħasset il-ħtieġa wkoll li dak li għaddiet minnu din l-għaqda mużikali jitniżżel fi ktieb biex iservi, kemm ta' spjegazzjoni kif ukoll ta' tifkira tal-bosta attivitajiet li saru mill-Għaqda tul is-snin. Kien għalhekk li nħatret kummissjoni fi ħdan l-Għaqda biex tiffaċilita r-riċerka, tiġbor ritratti, u taħtar awtur biex ikun responsabbli għall-kitba tal-volum kommemmorattiv.

Meta kittieb jiġi biex jagħmel studju storiku, xi drabi, jew ikollu ħafna materjal u dokumentazzjoni li minħabba f'hekk la jkun jaf minn se jibda u lanqas fejn se jispiċċa imma, xi kultant, jiltaqa' ma' perjodi li fuqhom isib ftit li xejn. Bħalma wieħed jista' jobsor hemm abbundanza ta' tagħrif fuq l-avvenimenti ta' żminijiet riċenti iżda, fil-każ ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija nsibu wkoll xi dokumenti li jeħduna lura sa ftit snin wara t-twaqqif uffiċjal tagħha. Mhux il-baned Maltin u Għawdxin kollha jistgħu jgħidu dan. Ir-reġistri fl-arkivju tas-Soċjetà jinsabu hemm għaliex, tul is-snin, l-Għaqda kellha kumitati serji li kienu jirreġistraw b'mod xieraq, dak li kien ikun diskuss fil-laqgħat tagħhom. Dan jikseb importanza akbar meta niftakru li l-Maltin ma tantx iħobbu jiktbu l-affarijiet u, bosta drabi jħobbu jagħmlu attività wara ftehim verbali biss. Kieku ma kellniex ir-reġistri bil-muniti tas-segretarji, bil-kopji tal-korrispondenza u bir-reġistri tal-kaxxiera, kieku x-xogħol ta' l-istoriku jkun aktar diffiċli.

Ix-xorti, xi drabi taf tkun krudila. Meta

l-każin intlaqat mill-bombi ta' l-għadu matul it-Tieni Gwerra Dinjija, is-Soċjetà soffriet ħsara enormi għaliex tilfet mhux biss is-sede minn fejn kienet qiegħda topera, iżda wkoll kwantità kbira ta' reġistri importanti, trofej u partituri li kienu jużaw il-mużiċisti tas-Soċjetà matul il-programmi tagħhom. Imnalla kienu xi partitarji li ħadu ħsieb isalvaw dak li kien salvabbli biex, bħalma ngħidu mill-mitluf nieħdu li nistgħu.

Imma, jekk ix-xorti taf tkun krudila taf ukoll tkun ħanina. Fl-istudju ta' l-istorja niltaqgħu ma' sejbiet ta' dokumenti li jixħtu dawl ġdid fuq l-interpretazzjoni tagħha sa dak in-nhar. Qabel mal-Professur Godfrey Wettinger u Patri Fsadni sabu l-poeżija ta' Pietru Caxaro *Il-Kantilena* konna naħsbu li l-intelletwali Maltin ma kienu qatt jużaw il-Malti meta jiġu biex jiktbu ħsibijiethom. Bis-sejba tal-*Kantilena* (sejba li saret b'kumbinazzjoni meta Wettinger u Fsadni kienu qegħdin iqallbu r-reġistri nutarili) kellna nbiddlu din it-teżi u ngħidu li anki fil-Medjuevu, xi nies kienu jinqdew bl-ilsien matern tagħhom biex jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom.

Din is-sena l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija qiegħda tiċċelebra l-125 sena mit-twaqqif uffiċjali tagħha imma hemm x'jindika li l-Għaqda kienet diġà teżisti, taħt l-isem ta' *La Stella* ftit snin qabel l-1883. Fil-ktieb ta' l-istorja tiegħi li ġie ppubblikat mill-Għaqda nsibu t-traskrizzjoni ta' studju li kien qiegħed jagħmel il-mibki Noel Ciappara fl-1978 dwar l-istorja ta' Ħal Luqa. Ciappara kien jiġbor ħafna tagħrif minn xjuħ u nies li ħadmu bis-sħiħ fis-soċjetajiet Ħalluqin. Il-Malti jgħid, min iħawwad il-borma jkun jaf x'fiha. B'xorti tajba dan id-dokument ma ntilifx. Wasal f'idejn il-Kummissjoni Ktieb ta' l-Istorja u din għaddietu lili biex inkun nista' nieħu t-tagħrif u nifformola xi ipoteżi bbażati fuqu.




Il-kitba ta' l-istorja minn fomm ix-xjuħ, dik li tissejjaħ *oral history*, tista' tipprovdi għejjun ta' tagħrif li ma jista' jinstab imkien ieħor. Ovvjament wieħed mill-ewwel jista' joġġezzjona u jgħid li bniedem li jagħtik l-informazzjoni jista' jkun preġudikat jew ma jagħtix informazzjoni eżatta. Vera. Imma, jekk dak li jgħid wieħed jaqbel u jikkorabora ma' xi ħaġa li tkun intqalet minn xi ħadd ieħor f'ċirkostanzi oħra, allura wieħed jista' jgħid li s-sorsi qegħdin jaqblu

u jikkonfermaw lil xulxin. Kulmin jgħid il-verità, fl-aħħar mill-aħħar, jasal fl-istess post jitlaq minn fejn jitlaq.

Naturalment l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija taħdem f'simbjożi ma' l-għaqda mużikali l-oħra Ħalluqija, L-Unjoni, u, matul il-ktieb tiegħi jissemmew kemm il-perjodi sbieħ (li huma ħafna) meta ż-żewġ għaqdiet ħadmu f'rispett reċiproku kif ukoll il-perjodi inqas feliċi (li huma ftit) meta ma tantx kien hemm armonija u ftehim bejn is-Soċjetajiet. Ktieb ta' l-istorja ma jistax ma jsemmix il-ġrajjiet koroh wkoll. Kulħadd jara l-fatti li jrid u jagħraf il-fatti kif irid. Din hija ħaġa minn ewl id-dinja imma biex isseħħ ġustizzja storika jeħtieġ li, kif jgħidu l-Latini *audiatur et altera pars*: in-naħa l-oħra trid tinstema' wkoll. Il-pika taf tkun sabiħa u mill-esperjenza ta' ċerti postijiet naraw kif l-entużjażmu għall-festa żdied ħafna f'irħula fejn hemm żewġ baned li jirsistu biex jgħaddu lil xulxin f'dak li huma attivitajiet oriġinali ħalli jiddevertu mhux biss lill-partitarji tagħhom imma n-nies tar-raħal kollu u dawk li, fi żmien il-festa, jiġu minn irħula oħra ħalli jissieħbu fil-briju.

Meta ġejt biex nikteb l-istorja ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ndunajt mal-ewwel kif din l-għaqda kienet, u għadha, il-mutur ta' ruxxmata attivitajiet kulturali mhux biss dawk konessi mat-tixrid tat-tagħlim tal-mużika f'Ħal Luqa. Naraw kif, fis-snin bikrija tagħha, fi ħdan l-Għaqda kien hemm kumpanija teatrali li kienet tieħu ħsieb ttella' regolarment drammi serji u oħrajn komiċi għad-divertiment tal-pubbliku. F'okkażjoni oħra nsibu li kien inġab bużullottista biex jgħaġġeb lin-nies bil-logħob maġiku tiegħu. Lejn tmiem is-seklu 19 u matul il-bidu tas-seklu 20, il-*Casino San Andrea,* bħall-każini tal-mużika oħra Maltin, kien ċentru soċjali attiv fejn kienu jiġu diskussi l-avvenimenti li kienu qegħdin iseħħu f'Malta u fid-dinja. Fil-każin kien hemm żmien ukoll meta wieħed seta' jsib gazzetta biex b'hekk iżomm ruħu aġġornat. Insibu wkoll delegati mill-każin f'laqgħat ta' importanza nazzjonali bħal dik li saret mill-*Camera del lavoro* meta ġie biex jitwaqqaf il-*Malta Labour Party* fl-15 ta' Mejju 1921.

Tul is-snin bosta membri ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija servew ta' xprun għall-għaqdiet oħra Ħalluqin bħalma huma dawk tal-Mużew tas-subien, il-klabb tal-futboll u ta' l-iskawts. Il-ktieb *L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija; twelidha u ġrajjietha* jiddedika appendiċi biex jagħti informazzjoni fuq diversi membri li għamlu isem kemm fir-raħal kif ukoll fuq livell nazzjonali. Dan jixhed il-formazzjoni soda li kisbu u jiksbu l-membri fl-Għaqda nnfisha. Meta persuna tikseb id-dixxiplina u l-għaqal ikollha d-determinazzjoni neċessarja biex tati kontribut denn lis-soċjetà fi kwalunkweÏ qasam li tidħol għalih. Fil-fatt barra mid-dixxiplina meħtieġa għall-istudju tal-mużika, il-każin iservi wkoll bħala skola fejn jiġu edukati nies minn kull qasam tal-ħajja f'dawk li jissejħu *social skills*. F'dan il-kuntest wieħed ma jistax ma jinnutax il-kontribut ta' bosta fergħat fi ħdan l-Għaqda bħall-Kummissjoni Nisa u l-Kummissjoni Żgħażagħ li fiha ż-żgħażagħ Ħalluqin jitgħallmu *leadership skills* li jservuhom mhux biss biex jaħdmu għall-progress ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija imma fil-ħajja tagħhom ukoll.

Il-proġett tal-ktieb ta' l-istorja *L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija; twelidha u ġrajjietha* kien jinvolvi d-dedikazzjoni u l-isforzi ta' ħafna nies. Kienet fil-fatt idea sabiħa li dan il-ktieb ikollu bosta ritratti, xi wħud minnhom li qegħdin jiġu ppubblikati għall-ewwel darba, biex jikkumplimentaw il-ġrajja miktuba. Huwa għalhekk li barra mil-

listi ta' kumitati, presidenti u bandisti, f'dan il-ktieb hemm xbihat li mhux biss iqanqlu memorji għal xi wħud, iżda anki jagħtuna tagħrif viżivi ta' kif kien ir-raħal fi żminijiet bikrija.

Fil-ktieb insibu kif nibtu u żvolġew l-ideat biex jittellgħu attivitajiet li llum sabu posthom fil-kalendarju kulturali ta' Ħal Luqa. Insemmu fost oħrajn il-Lejla A La Ħalluqija, u l-wirja Miċ-Ċenaklu sal-Kalvarju. Naraw ukoll il-ħidma li saret biex l-Għaqda naddfet is-sotterran tas-sede u b'hekk għenet l-iżvilupp ta' l-istorja tar-raħal bit-tindif tax-xelters li jinsabu annessi mal-fond. Insibu tagħrif li jiżvela t-taħbit li jsir għall-armar u l-logħob tan-nar, kif ukoll ix-xogħol li sar fil-planċier u d-diversi statwi ta' l-Għaqda li jżejnu l-misraħ u t-toroq f'jiem il-festa. Kollox ma' kollox, dan il-ktieb ipubblikat għal din l-okkażjoni sabiħa għandu jservi ta' riassunt eżawrijenti ta' x'għamlet u x'għadha tagħmel din l-Għaqda sena wara sena.

Ir-rapport ta' dawn il-ġrajjiet kollha laħħam il-ktieb ferm aktar mill-aspettattivi oriġinali. Huwa għandu jogħġob mhux biss lill-partitarji ta' l-Għaqda imma anki lil dawk li għandhom għal qalbhom l-istorja soċjali ta' Malta. Dan għaliex, meta wieħed ikun qiegħed jikteb fuq soċjetà tal-mużika, irid jew ma jridx imiss il-polz tal-poplu u jiddeskrivi kif kienu jgħixu, jiddevertu u jqattgħu l-ħin liberu in-nies ta' raħal tipiku Malti minn tmiem is-seklu 19 sal-lum. Il-każini baqgħu l-fulkru tal-ħajja fir-raħal anki fl-eqqel tal-gwerra. Meta s-sede tfarrket, il-kumitat minnufih sab jikri post ieħor. Dan juri kemm l-kazin tal-banda ta' L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kien, għadu u jibqa' ħaj fi qlub il-Ħalluqin.

